MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 665/2011

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

vs

Karl u Grace konjuġi **BONELLO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Bank rikorrent talab li din il-Qorti terġa' tagħmel eżegwibbli, għall-finijiet tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, t-titolu eżekuttiv li hu kien igawdi kontra l-intimati miżżewġin Bonello bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2001, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Lombard Bank Malta p.l.c. vs Karl u Grace konjuġi Bonello*" (Ċitazz. Nru.

2065/00JRM) u dan għaliex għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn mindu l-imsemmi titolu sata' jkun eżegwit. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet ulterjuri b'seħħ mis-7 ta' Lulju, 2011 sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2011, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2011;

Rat li l-intimati laqgħu n-notifika tal-atti bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 187(3) tal-Kap 12;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Karl Bonello fit-22 ta' Diċembru, 2011, li biha laqa' għat-talba tal-Bank rikorrent billi qal li l-Bank tħallas kulma kellu jieħu mingħandu billi żamm għalih ishma li huwa kellu f'ismu u illikwidat ir-rikavat ta' poloz ta' assikurazzjoni li kien benefiċjarju tagħhom. Żied jgħid li l-Bank rikorrent m'għandux tassew titolu eżekuttiv kontrih, għaliex in-notifika tal-atti tal-kawża li wasslu għas-sentenza vantata mill-istess Bank ma kenitx tajba għaliex ma saritx kif kienet ordnat il-Qorti. Temm jgħid li, f'kull każ, it-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa' għaliex il-Bank rikorrent ma mexiex b'mod li jtaffi d-danni u l-ispejjeż billi, minbarra li kiseb sentenza b'notifiki ħżiena, ħalla ż-żmien jgħaddi għalxejn qabel talbu jħallas u issa, wara li għaddew għaxar snin, qiegħed jitlob il-ħlas ta' ammont li bih l-imgħaxijiet miġmugħa jaqbżu l-kapital kanonizzat. Jgħid li l-Qorti jmissha tiċċensura din l-imġiba tal-Bank rikorrent;

Rat li l-intimata Grace Bonello ma ressqet l-ebda Tweġiba fiż-żmien lilha mogħti mil-liġi;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet jew ta' rappreżentanti tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank rikorrent waqt is-smigħ tas-6 ta' Novembru, 2012[1], li biha naqqas il-pretensjoni tal-kreditu minnu vantat kontra l-intimati għas-somma ta' sittax-il elf tmien mija u sebgħa u sittin euro u dsatax-il ċenteżmi (€ 16,867.19) u l-ispejjeż legali;

[1] Paġ. 49 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2012[2], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat tal-intimat waqt is-smigħ ta' dak inhar, ordnat li l-atti tal-Kawża 2065/00JRM jinġabu quddiemha bħala prova;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-Bank rikorrent waqt is-smigħ tat-28 ta' Frar, 2013 (traskritta)[3];

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2013[4], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat tal-intimat, tat żmien lill-intimat biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dawk magħmula bil-fomm mill-avukat tal-Bank rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Karl Bonello fit-8 ta' April, 2013[5];

Rat ir-Replika mressqa mill-Bank rikorrent fid-19 ta' April, 2013[6];

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2013, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex sentenza li għaddiet f'ġudikat terġa' tingħata setgħa eżekuttiva wara li għaddew iżjed minn għaxar snin minn meta ngħatat. Il-Bank rikorrent jgħid li, minkejja li kienet ingħatat is-sentenza favurih, baqa' ma tħallasx il-kreditu kanonizżat u l-intimati għadhom ma ħallsux id-dejn tagħhom miegħu;

Illi l-intimat laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-Bank tħallas kulma kellu jieħu mingħandu billi żamm għalih

[2] Paġ. 57 tal-proċess
[3] Paġġ. 64 – 5 tal-proċess
[4] Paġ. 72 tal-proċess
[5] Paġġ. 73 – 6 tal-proċess
[6] Paġġ. 77 – 9 tal-proċess

ishma li huwa kellu f'ismu u illikwida r-rikavat ta' poloz ta' assikurazzjoni li kien benefiċjarju tagħhom u li kienu mirhuna mal-istess Bank. Żied jgħid li l-Bank rikorrent m'għandux tassew titolu eżekuttiv kontrih, għaliex in-notifika tal-atti tal-kawża li wasslu għas-sentenza vantata mill-istes Bank ma kenitx tajba għaliex ma saritx kif kienet ordnat il-Qorti. Temm jgħid li, f'kull każ, it-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa' għaliex il-Bank rikorrent ma mexiex b'mod li jtaffi d-danni u l-ispejjeż billi, minbarra li kiseb sentenza b'notifiki ħżiena, ħalla ż-żmien jgħaddi għalxejn qabel talbu jħallas u issa, wara li għaddew għaxar snin, qiegħed jitlob il-ħlas ta' ammont li bih l-imgħaxijiet miġmugħa jaqbżu l-kapital kanonizzat. Jgħid li l-Qorti jmissha tiċċensura din l-imġiba tal-Bank rikorrent. L-intimata Grace Bonello ma ressqet l-ebda Tweġiba minkejja li laqgħet in-notifika tal-atti u l-Avviż tas-Smigħ u f'xi drabi meta ssejħet il-kawża kienet dehret ukoll bla ma ħatret avukat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-każ jirriżulta li l-intimati huma miżżewġin lil xulxin imma mifruda. F'xi żmien, il-Bank rikorrent (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Lombard") kien estenda faċilita' ta' *overdraft* għad-disponibilita' tal-intimati. F'Settembru tal-2000, Lombard fetħilhom kawża quddiem din il-Qorti għall-kundanna tal-ħlas tal-bilanċ. L-intimati ma ikkontestawx it-talba, għalkemm l-intimata dehret u qabbdet avukat biex tidher għaliha, filwaqt li l-intimat kien qabbad avukat li dehret għalih ukoll. B'sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu, 2001[7], din il-Qorti laqgħet it-talba ta' Lombard u ordnat lill-intimati jħallsuh solidalment bejniethom is-somma ta' tnax-il elf u tnejn u tletin lira Maltin u ħamsin ċenteżmi (Lm 12,032.50)[8] flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mid-29 ta' Awissu, 2000 sal-jum tal-ħlas effettiv. Ordnatilhom iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża. Ma sarx appell minn dik is-sentenza;

Illi ġara li, b'ħarsien tal-faċilita' li Lombard kien ta lill-intimati, kien żamm għandu b'rahan xi poloz ta' assikurazzjoni. Wara s-sentenza, Lombard feda l-

[7] Dok "A", f'paġġ. 3 – 5 tal-proċess
[8] Li jġibu €28,028.18 fi flus tal-lum

imsemmija poloz (f'Lulju tal-2001, f'April tal-2002 u f'Mejju tal-2002)[9]. Id-dħul minn dawk it-transazzjonijiet kien akkreditat lill-kreditu kanoniżżat[10]. Minbarra dan, minħabba li Lombard igawdi garanziji ipotekarji fuq il-ġid tal-intimati, xi rikavat minn bejgħ ta' ġid tal-istess intimat intuża wkoll akkont tal-bilanċ;

Illi Lombard jgħid li, minkejja l-imsemmija sentenza, l-kreditu li huwa għandu kontra l-intimati baqa' ma tħallasx bħalma baqgħu ma tħallsux l-ispejjeż taxxati ta' dik il-kawża. Ma' dawn, Lombard jgħid li jridu jitqiesu wkoll l-imgħaxijiet ulterjuri li jissemmew fis-sentenza sallum;

Illi din il-kawża nfetħet fil-11 ta' Lulju, 2011;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali dwar din l-azzjoni jduru ma' n-natura tal-azzjoni nnifisha li Lombard espressament jorbot mal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-imsemmi artikolu tal-liġi huwa maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258. Azzjoni bħal din m'hijiex maħsuba li ssir biex toħloq kanoniżżazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li tarġa' tgħajjex titolu eżekuttiv li jkun għadda żmien minn fuqu. Minkejja dan, minħabba li xi drabi xi parti mill-kreditu li jkun ġie kanoniżżat oriġinarjament f'titolu eżekuttiv ikun tħallas matul iż-żmien li dak it-titolu jkun għadu eżegwibbli, jista' jagħti l-każ li f'azzjoni bħal din (x'aktarx minħabba l-kontestazzjoni tal-parti eżekutata) isir aċċertament dwar l-ammont mill-kreditu li jkun għadu dovut meta t-titolu jerġa' jsir eżegwibbli;

Illi sentenza li tikkundanna l-parti mħarrka għall-ħlas ta' somma likwida tkun eżegwibbli wara jumejn minn dak

[9] Dok "PS1", f'paġ. 22 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Philip Saliba 17.4.2012, f'paġ. 25 tal-proċess

inhar li tingħata[11], u sakemm ma jsirx appell minnha, f'liema każ, l-eżekuzzjoni (f'każ ta' konferma, mill-qorti tat-tieni grad) tibda mid-data tas-sentenza tal-appell. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, s-sentenza li Lombard irid jerġa' jirrendi eżegwibbli ma kenitx appellata u kienet waħda li kkundannat lill-intimati għall-ħlas ta' somma likwida. Dik is-sentenza hija titolu eżekuttiv kif mifhum fl-artikolu 253(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-"ħajja" tal-eżekutivita' ta' dik is-sentenza kienet tibda mit-23 ta' Marzu, 2001, għal żmien ta' għaxar (10) snin minn dakinhar. Għalhekk, fl-24 ta' Marzu, 2011 ma baqgħetx aktar eżegwibbli. Lombard, fetħet din il-kawża f'Lulju tal-2011;

Illi f'azzjoni bħal din li għandha l-Qorti quddiemha llum, irid jintwera wkoll li min irid jerġa' jagħti ħajja eżekutiva lil titolu eżekutiv għad għandu interess li jagħmel dan. Fil-każ tal-lum, Lombard jgħid li għandu kull interess li jitlob l-eżegwibilita' mill-ġdid tas-sentenza maqtugħa favurih għaliex għadu sallum ma tħallasx is-somma kollha kanoniżżata favurih;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat fl-**ewwel eċċezzjoni** tiegħu jgħid li s-sentenza m'għandhiex terġa' tkun eżegwibbli għaliex il-kreditu kanoniżżat tħallas kollu u li hu m'huwiex midjun ma' Lombard. Minbarra dan, iżid jgħid li ma hemmx dubju li l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ta' Lombard bħala l-ammont li għadu dovut m'huwiex tajjeb;

Illi filwaqt li l-Qorti taqbel mal-intimat dwar kemm huwa minnu li Lombard tassew kien għadu kreditur tal-intimati fis-somma msemmija fir-rikors li bih infetħet din il-kawża, jibqa' l-fatt li biex it-talba ta' Lombard ma tintlaqax irid jintwera li l-ebda parti mill-kreditu kanoniżżat m'għadha dovuta. Sakemm baqa' xi parti mid-dejn mhux imħallas, Lombard ikollu kull jedd li jitlob li s-sentenza mhix eżegwita (u sal-limitu fejn għadha m'hijiex eżegwita) terġa' tingħata ħajja eżekutiva;

[11] Art. 256(1) tal-Kap 12

Illi jidher li Lombard innifsu ntebaħ b'dan u, minbarra li ressaq xhud biex ifisser tassew kemm hu l-ammont pendenti, matul is-smigħ ressaq ukoll nota ta' riduzzjoni. Imma nota ta' riduzzjoni hija wkoll, minnha nnifisha, dikjarazzjoni li għad fadal xi parti mill-pretensjoni li għadha mhix saldata;

Illi minkejja dan, l-intimat jisħaq li Lombard xorta waħda m'għandux raġun jitlob l-eżegwibilita' mill-ġdid tas-sentenza. Dan jgħidu għal żewġ raġunijiet: l-ewwel waħda hi minħabba li jallega li lanqas Lombard ma huwa konsistenti fl-ammont li jippretendi li għad fadallu jitħallas; it-tieni waħda hi minħabba li Lombard arbitrarjament ċaħħdu milli jittrasferixxi favur oħtu ishma (f'Lombard Bank p.l.c. stess) li huwa wiret mingħand missieru, baqa' jżomm id-"*dividends*" li ngħataw fuq l-imsemmija ishma u b'hekk jgħid li Lombard "tħallas b'idejh";

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta l-argument tal-intimat. Fl-ewwel lok, l-intimat ma xehedx li huwa ħallas xi parti mis-somma kanoniżżata[12]. Fit-tieni lok, id-diskrepanza li huwa jara fl-i*statements* ta' Lombard hija biss fehma tiegħu u mhux fatt. In-nuqqas ta' qbil fiċ-ċifri hija spjegabbli minħabba ż-żminijiet differenti li fihom inħarġu l-imsemmija *statements*. Fit-tielet lok, il-kwestjoni tal-ishma li Lombard żamm milli jkunu trasferiti hija waħda li ma tolqotx l-eżiġibilita' tal-kreditu. Imkien mill-provi ma ħareġ li Lombard dawwar għalih l-ishma tal-intimat fl-istess Bank. Kemm hu hekk, ix-xhieda[13] turi li dawk l-ishma għadhom jgħajtu lill-intimat u qegħdin jinżammu bħala "garanzija" għall-kreditu li għadu dovut lil Lombard;

Illi fit-**tielet eċċezzjoni** tiegħu l-intimat jixli lil Lombard b'nuqqas ta' għaqal fit-tmexxija tal-ġbir tal-kreditu u li naqas li jtaffi d-danni u l-ispejjeż li d-debituri jkollhom jerfgħu. B'mod partikolari, hu jgħid li minn wara s-sentenza, Lombard qatt ma interpellah biex iħallas xi kreditu dovut. Il-Qorti tqis li l-intimat u martu, kanoniżżati debituri ta' Lombard b'sentenza, ma kellhomx għalfejn jintalbu mill-ġdid biex iħallsu. Ladarba ngħatat is-

[12] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami 28.2.2013, f'paġġ. 59 sa 61 tal-proċess
[13] Dok "PS5", f'paġ. 35 tal-proċess

sentenza (u suġġett għal dak li sejjer jissemma aktar 'il quddiem) kien id-dmir tad-debitur kanoniżżat li jwettaq is-sentenza. Imma xorta waħda, minn prova dokumentali mressqa mill-intimat innifsu[14], jidher li Lombard kien bagħat *statement* lill-intimati (fl-indirizz fejn jgħix l-intimat) biex jgħarrafhom kemm kien għad fadal x'jitħallas. Dan sar fl-2004. Jista' jkun li Lombard bagħat *statements* oħrajn, iżda dak li ressaq l-intimat huwa biżżejjed biex juri li Lombard kien talab jew fakkar lid-debituri tiegħu li dejnhom ma kienx inqata';

Illi fl-aħħarnett il-Qorti taħseb li jkun xieraq tindirizza **t-tieni eċċezzjoni** tal-intimat. Huwa jgħid li m'huwiex minnu li Lombard qatt kellu titolu eżekutiv kontrih u martu, għaliex in-notifika lilhom tal-atti tal-kawża u l-Avviż tas-Smigħ ma ħarsux l-ordni tal-Qorti li ordnatha. Għalhekk, jgħid, is-sentenza li ngħatat kienet bla siwi. Jidher li l-intimat iqiegħed dan l-argument fuq il-fatt li, meta Lombard kien talab li l-Qorti tawtorizza n-notifika bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni, kienet ordnat fost l-oħrajn li l-pubblikazzjoni ssir f'ġurnal fl-ilsien Ingliż. Minflok, saret f'ġurnal fl-ilsien Malti;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Wieħed ma jattakkax is-siwi ta' notifika tal-atti ta' kawża b'eċċezzjoni. Il-liġi taħseb għal proċedura partikolari għal daqshekk u tagħti żmien partikolari sa meta dan jista' jsir[15]. Wara li jagħlaq dak iż-żmien, sentenza ma tkunx tista' tiġi attakkata aktar;

Illi iżjed minn hekk, madankollu, ma jgħidx tajjeb u m'għandux mis-sewwa dak li xehed l-intimat[16] meta qal li la hu u lanqas martu l-intimata l-oħra ma kienu jafu bil-kawża li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tagħha hija l-mertu ta' din il-kawża tal-lum. Jekk wieħed jara l-verbali tas-smigħ tat-8 ta' Frar, 2001[17], wieħed jara li l-intimata kienet preżenti u mgħejjuna minn avukat, filwaqt li għall-intimat dehret avukat oħra. Fis-smigħ tal-21 ta' Marzu, 2001 (dak

---
[14] Ara Dok "KBA", f'paġ. 51 tal-proċess
[15] Ara artt. 818(2) u 819 tal-Kap 12
[16] Xhieda tiegħu 27.11.2012, f'paġ. 52 tal-proċess
[17] Ara paġ. 18 tal-Atti tal-Kawża 2065/00JRM

inhar li ngħatat is-sentenza)[18], l-istess avukat tal-intimat kienet dehret ukoll. Sa ma ngħatat is-sentenza, ħadd mill-imħarrkin miżżewġin Bonello ma talab lill-Qorti tħallih jikkontesta l-kawża jew ineħħi l-istat ta' kontumaċja tiegħu. L-intimat ma jfissirx kif persuni li ma jkunux jafu b'kawża kontra tagħhom xorta waħda jidhru għaliha jew iqabbdu avukat biex jidher fiha għalihom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent** u tordna li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2001, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Lombard Bank Malta p.l.c. vs Karl u Grace konjuġi Bonello*" (Ċitazz. Nru. 2065/00JRM) terġa' ssir eżegwibbli minħabba li għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta saret eżekuttiva;

Għall-finijiet ta' kjarifika, tgħid li mill-kreditu kanonizzat fl-imsemmija sentenza, il-Bank rikorrent għad fadallu jitħallas sittax-il elf tmien mija u sebgħa u sittin euro u dsatax-il ċenteżmi (€ 16,867.19), flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-11 ta' Ġunju, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-intimat għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** wkoll li l-intimati, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[18] *Ibid.* paġ. 20